DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 5/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2011 tal-2 ta' Diċembru 2011 ([1]).

(2) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2011 tal-2 ta' Diċembru 2011 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 310/2011 tat-28 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu ta' aldikarb, bromopropilat, klorfenvinfos, endosulfan, EPTC, etjon, fentjon, fomesafen, metabenztjażuron, metidatjon, simażina, tetradifon u triforina f'ċerti prodotti jew fuqhom ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 460/2011 tat-12 ta' Mejju 2011 li jemenda l-Anness III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klorantraniliprol (DPX E-2Y45) fiz-zunnarija jew fuqha ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2011 tal-24 ta' Mejju 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-abamektina, l-aċetamiprid, iċ-ċiprodinil, id-difenokonażol, id-dimetomorf, il-fenessammid, il-prokwinażid, il-protijokonażol, il-piraklostrobina, l-ispirotetramat, it-tijakloprid, it-tijametossam u t-triflossistrobina f'ċerti prodotti jew fuqhom ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi tar-residwi għal benalassil, boskalid, buprofezin, karbofuran, karbosulfan, ċipermetrina, fluwopikold, eżatijażoss, indossakarb, metaflumiżon, metossifenożid, parakkwat, prokloraż, spirodiklofen, protijokonażol u żossammid fi jew fuq ċerti prodotti ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2011 tas-26 ta' Mejju 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal bifenil, deltametrin, etofumesat, iżopirażam, propikonażol, pimetrożin, pirimetanil u tebukonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 559/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal kaptan, karbendażim, ċiromażin, etefon, fenamifos, tiofanat-metil, triasulfuron u tritikonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2011 tal-10 ta' Awwissu 2011 li jemenda l-Anness III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu ta' dimetomorf, fluwopikolid, mandipropamid, metrafenonu, nikotina u spirotetramat f'ċerti prodotti jew fuqhom ([9]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2011 tal-11 ta' Awwissu 2011 li jemenda l-Annessi II u III ta' mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi tar-residwi tal-aċekinoċil, il-benżoat tal-emamektin, l-etametsulfuron-metil, il-flubenjamid, il-fludjossonil, il-kresossim-metil, il-metossifenożid, in-novaluron, it-tijakloprid u t-triflossistrobina fi jew fuq ċerti prodotti ([10]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim. Din id-deċiżjoni, għalhekk, m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein,

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 5.
([2]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 12.
([3]) ĠU L 86, 1.4.2011, p. 1.
([4]) ĠU L 124, 13.5.2011, p. 23.
([5]) ĠU L 137, 25.5.2011, p. 3.
([6]) ĠU L 140, 27.5.2011, p. 2.
([7]) ĠU L 142, 28.5.2011, p. 1.
([8]) ĠU L 152, 11.6.2011, p. 1.
([9]) ĠU L 208, 13.8.2011, p. 1.
([10]) ĠU L 208, 13.8.2011, p. 23.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I ta' mal-Ftehim:

"— **32011 R 0310**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 310/2011 tat-28 ta' Marzu 2011 (ĠU L 86, 1.4.2011, p. 1),

— **32011 R 0460**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 460/2011 tat-12 ta' Mejju 2011 (ĠU L 124, 13.5.2011, p. 23),

— **32011 R 0508**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2011 tal-24 ta' Mejju 2011 (ĠU L 137, 25.5.2011, p. 3),

— **32011 R 0520**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 (ĠU L 140, 27.5.2011, p. 2),

— **32011 R 0524**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2011 tas-26 ta' Mejju 2011 (ĠU L 142, 28.5.2011, p. 1),

— **32011 R 0559**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 559/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 152, 11.6.2011, p. 1),

— **32011 R 0812**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2011 tal-10 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 208, 13.8.2011, p. 1),

— **32011 R 0813**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2011 tal-11 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 208, 13.8.2011, p. 23)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim:

"— **32011 R 0310**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 310/2011 tat-28 ta' Marzu 2011 (ĠU L 86, 1.4.2011, p. 1),

— **32011 R 0460**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 460/2011 tat-12 ta' Mejju 2011 (ĠU L 124, 13.5.2011, p. 23),

— **32011 R 0508**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2011 tal-24 ta' Mejju 2011 (ĠU L 137, 25.5.2011, p. 3),

— **32011 R 0520**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 (ĠU L 140, 27.5.2011, p. 2),

— **32011 R 0524**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2011 tas-26 ta' Mejju 2011 (ĠU L 142, 28.5.2011, p. 1),

— **32011 R 0559**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 559/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 152, 11.6.2011, p. 1),

— **32011 R 0812**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2011 tal-10 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 208, 13.8.2011, p. 1),

— **32011 R 0813**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2011 tal-11 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 208, 13.8.2011, p. 23)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 310/2011, (UE) Nru 460/2011, (UE) Nru 508/2011, (UE) Nru 520/2011, (UE) Nru 524/2011, (UE) Nru 559/2011, (UE) Nru 812/2011 u (UE) Nru 813/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' mieġħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.